# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' Mejju, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 264/01mm**

**Paul J. Pace f'ismu propju u ghan-nom**

**tad-ditta Marfel Trading Agency**

**vs**

**Ian Vella**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u erbghin lira Maltin (Lm540.00), spejjez inkorsi

mill-attur biex issewwew il-hsarat kagunati mill-konvenut fil-van tal-marka Citroen li kellu n-numru tar-registrazzjoni I-2728, fiz-zmien li l-konvenut kien impjegat ma' l-attur bhala salesman u kellu l-istess van taht ir-responsabbilita' tieghu.

Bl-interessi u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficcjali tad-29 ta' April, 1997, u tas-6 ta' Mejju, 1999, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-22 ta' Mejju, 2001, meta gewipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.